# JOHN F. MARKS

## 125 sena minn twelidu



ROBERT ALOISIO/robertaloisio@gmail.com



Robert H. Marks, iben John F. Marks, fl-għoti tal-karti ta' missieru lil-Librerija tal-Università, sentejn ilu

Jekk illum il-ħaddiem Malti jgawdi minn bosta drittijiet, dan jafu lil numru mhux żgħir ta' ħaddiema li fl-imgħoddi ma aċċettawx il-qagħda inġusta li kienu fiha u għamlu xi ħaġa għalihom u għall-ġenerazzjonijiet ta' warajhom. Wieħed minn dawn kien John F. Marks, *draughtsman* it-Tarzna, li daħal fit-trejdunjoniżmu u fil-politika biex jara lill-ħaddiem jieħu d-dinjità tiegħu.

Fis-26 ta' Ġunju li ġej, infakkru l-125 sena minn twelidu.

Marks, wieħed mill-intellettwali ewlenin tal-Partit tal-Ħaddiema, kellu sehem ewlieni biex nhar l-Erbgħa li ġej nistgħu niċċelebraw l-1 ta' Mejju bħala Jum il-Ħaddiem.

Bin Daniel, Lhudi imwieled Varsavja l-Polonja, u Concetta mwielda Chetcuti, John Francis Marks twieled l-Isla nhar is-26 ta' Ġunju, 1894.

Billi missieru Daniel kien ibaħħar, mill-Polonja mar Manchester, l-Ingilterra u wara niżel Malta. Huwa ħa l-edukazzjoni tiegħu fl-Iskola Primarja tal-Isla, imbagħad fil-Liċeo u wara fil-Kulleġġ Tekniku tat-Tarzna, l-unika skola teknika f'Malta sa dak iż-żmien.

Fl-1908, beda l-apprentistat fit-Tarzna bħala *engine-fitter* u aktar tard sar disinjatur u *draughtsman*, jiġifieri jpinġi l-pjanti, skeċis u disinji marbutin mal-bini u t-tiswija tal-vapuri fit-Tarzna.

### IL-MOĦĦ TAL-PARTIT LABURISTA

Fit-Tarzna, huwa sar ħabib ta' Mosè Gatt, żagħżugħ intelliġenti mill-Birgu li 'l quddiem kellhom jaħdmu ħafna flimkien fil-Partit Laburista (Dwar Mosè Gatt, deher artiklu tiegħi fit-TORĊA tal-15 ta' April, 2018).

Kif jinnota Edwin Camilleri (2000), il-bijografu ta' John F. Marks u qarib tiegħu, "ta' kważi l-istess età kienu Marks, Ġjaċinto Tua, Mosè Gatt, Ġużè Ellul Mercer, Reggie Miller, Ġużè Orlando u Ġino Muscat Azzopardi li kollha twieldu bejn l-1894 u l-1899. Kienu ġenerazzjoni formidabbli."

Camilleri jgħid li speċjalment Marks, Gatt, Orlando u Muscat Azzopardi kienu erbat iħbieb intimi li għamlu żmien twil jaħdmu flimkien u kienu magħrufa bħala "l-Erba' Muskettieri".

L-interess ta' Marks fil-politika beda fiż-żmien meta Malta ngħatat is-*self government* fl-1921. Sa mill-1920, Marks kien imsieħeb fil-Workers Union Branch 1, unjin fit-Tarzna, li minnha ftit wara tnissel il-Partit Laburista.

Marks kien wieħed minn tal-bidu fil-Kumitat lokali tal-Partit Laburista tal-Isla u ma damx ma sar President tal-Kumitat Distrettwali tal-Isla.

Fl-awtobijografija tiegħu, Mintoff jgħid li fis-Snin Tletin, il-mexxej tal-Partit, Boffa "kien lest li jiftaħ idejh u jaqsam l-ideat u d-deċiżjonijiet ma' tliet personaġġi Soċjalisti li kienu mdawlin aktar minnu: Ċensu Bugeja, John F. Marks u Mosè Gatt. It-tlieta li huma kienu bejniethom jifformaw il-ħsieb intellettwali tal-Partit... imma l-post tax-xogħol tagħhom kien jeskludihom milli jikkontestaw għall-elezzjonijiet parlamentari...

"John F. Marks u Mosè Gatt kienu Soċjalisti veterani magħrufin għall-mod kif kienu jesprimu ruħhom dwar l-ideal tagħhom u kienu mlaħħqin sew fit-Tarzna." (Mintoff – Malta, Mediterra, Żgħożiti, 2018)



John F. Marks, xahrejn qabel ma miet, flimkien ma' bintu Ethel u neputih Arnold Cassola

### INTEGRU U UMLI

Camilleri jgħid hekk: "F'dan il-perjodu, Marks kien diġà beda attività kontinwa, l-aktar bil-pinna politika. Kellu ħeġġa u ħerqa tal-għaġeb, ideali għoljin u akkaniżmu bla qies biex jgħin u jmexxi l-klassi tal-ħaddiema fuq prinċipji sodi u soċjali. Kien dejjem jaqbeż għall-interessi tal-ħaddiema kemm tal-lokal, billi jagħmel propoganda siewja għall-Partit, kemm fl-Isla, kemm fit-Tarzna, kemm fit-triqat u d-djar u anke meta kien ikun il-Belt mal-ħbieb."

F'Marks, kienu jispikkaw l-onestà, l-integrità, is-sinċerità, l-umiltà u l-ġenwinità tiegħu.

Ħabrek għall-ħaddiem sieħbu biex itejbu u jġibu 'l quddiem u dan għamlu sa minn kmieni fi ħdan il-Partit tal-Ħaddiema. Hu ħabrek ukoll biex dan il-Partit jieħu l-gvern f'idejh ħalli jgħaddi malajr dawk il-liġijiet meħtieġa u li kienu ta' ġid għall-ħaddiema. Għamel ukoll xogħol volontarju u kull sagrifiċċju personali għall-ħaddiema tat-Tarzna.

### MARKS U MOSÈ

Il-Partit Laburista, immexxi mill-Kurunell William Savona, kien ikkontesta l-ewwel Elezzjoni Ġenerali li qatt saret f'Malta, dik tal-1921. Il-Partit Laburista, li kien għadu kif twaqqaf u kellu kollox kontrieh, xorta kiseb kważi kwart tal-voti u tella' seba' deputati f'Parlament ta' 32 deputat.

Il-Partit Laburista daħal f'koalizzjoni mal-Unione Politica Maltese, iżda din il-koalizzjoni ma kellhiex ħajja twila.

John F. Marks u Mosè Gatt ħadmu fuq il-Programm Elettorali tal-Partit tal-1925. Camilleri jgħid li "Marks u Gatt kienu ħbieb sew u kellhom kważi l-istess ħsibijiet u xewqat."

Kien programm ambizzjuż li ried li s-Senat jispiċċa u li kulħadd ikollu vot wieħed. Riedu li titneħħa t-taxxa tal-qamħ u tidħol it-Taxxa fuq l-Art. Il-Programm tal-Partit Laburista ried ukoll li f'Malta jidħol it-tagħlim obbligatorju, it-tagħlim tas-snajja', li l-ilsien Malti jibda jiġi mgħallem fl-iskejjel u jintuża fil-qrati, u jidħlu l-Workmen's Compensation Act, it-Trade Union Act u jsir kontroll tal-kera.

### ĦABIB TAL-ĦADDIEM

Marks u Gatt ħadmu qatigħ biex jidħol il-Compensation Act għall-Ħaddiema. Din il-liġi nqrat għall-ewwel darba fid-19 ta' Novembru, 1927, wara bosta emendi minn Ġużè Ellul Mercer, u għaddiet fit-23 ta' Lulju, 1928.

Il-Compensation Act ma kinitx tgħodd biss għall-ħaddiema li jmutu jew ikorru, iżda wkoll għal dawk li jimirdu minħabba s-sengħa tagħhom, bħaż-żebbiegħa u l-istampaturi.

Din kienet waħda mill-ewwel liġijiet soċjali f'Malta li permezz tagħha l-ħaddiem kien jitħallas sold fil-ġimgħa u jekk iweġġa' fuq ix-xogħol kien jieħu tliet xelini fi ħlas. Minbarra din il-liġi importanti u siewja, l-Eżekuttiv kien qed jaqbeż għall-ħaddiema u jgħinhom f'kull ħin, bħalma kienu l-jum frank kull tliet ġimgħat lill-kenniesa u l-kwistjoni tal-ħlas lill-ħaddiema waqt ix-xita.

### IĊ-ĊELEBRAZZJONI TAL-EWWEL TA' MEJJU

Joe Borg, fil-ktieb tiegħu "Bandiera Ħamra, l-Ewwel ta' Mejju f'Malta" Vol. I (1990), jgħid li għandu dubju "kemm l-Ewwel ta' Mejju kien jiġi ċċelebrat fl-1926 fl-Isla mingħajr l-insistenza personali ta' Marks."

Sa mill-1923, Marks kien beda kampanja ta' informazzjoni fil-ġurnali tal-epoka b'riżq l-aċċettazzjoni tal-Ewwel ta' Mejju bħala Jum il-Ħaddiem. Borg isejjaħ lil Marks, "il-moħħ u l-magna li tat in-nifs u l-ħajja lill-Ewwel ta' Mejju f'Malta".

Marks kien l-ewwel wieħed li semma l-Ewwel ta' Mejju f'Malta. F'Diċembru 1923, huwa kiteb fil-Labour Opinion li din kienet l-ikbar festa li seta' jkollhom il-ħaddiema Maltin. L-Ewwel ta' Mejju kien jirrappreżenta l-għlieda soċjali u politika li kellu jgħaqqad lill-ħaddiema Maltin biex jirbħu d-drittijiet leġittimi tagħhom. Marks widdeb lill-qarrejja tal-ġurnal Laburista li fl-Ingilterra, Franza u l-Ġermanja l-ħaddiema diġà kienu bdew jirbħu d-drittijiet tagħhom. Dan kellu jixpruna lill-ħaddiema Maltin.

### L-EWWEL TA' MEJJU JSIR JUM IL-ĦADDIEM F'MALTA

Il-Maltin kienu diġà kisbu Kostituzzjoni ġdida. Iżda kienu għadhom jaraw kif se jtejbu l-qagħda politika u soċjali tagħhom.

Għaldaqstant Marks appella lill-Partit tal-Ħaddiema



biex jibda jfakkar il-Festa tal-Ewwel ta' Mejju:

"Aħna hawn Malta minn dejjem konna tas-sistema li nagħmlu l-affarijiet ħafna wara ħaddieħor. Mhix ħaġa kbira li f'din l-affari bqajna lura ukoll. Aħjar tard inkella qatt. Biex ma nħallux dan il-proverbju miktub għalxejn nistgħu nibdew nikkommemorawha issa fl-1926, 37 sena wara l-popli ċivilizzati li aħna niftaħru li aħna qabilhom fiċ-ċiviltà. F'pajjiżi oħrajn, din il-kommemorazzjoni ssir b'dimostrazzjonijiet matul it-toroq tal-belt u b'diskorsi dwar il-moviment politiku tal-ħaddiema. Nittama li l-partit tagħna jibda minn din is-sena stess u jagħmel xi ħaġa..." (Labour Opinion, 1926)

### 1926

Bħala President tal-Kumitat Distrettwali tal-Isla, Marks beda jinsisti mal-Kumitat Eżekuttiv tal-Partit tal-Ħaddiema biex il-lokal tiegħu jingħata l-permessi meħtieġa biex ifakkar Jum il-Ħaddiem, kif fil-fatt għamel is-Sibt 4 ta' Mejju 1926.

Lanqas l-istess organizzaturi ma kienu bassru li se jinġemgħu daqstant ħaddiema fil-Każin Laburista tal-Isla. Ħafna minn dawk li attendew kienu mill-Isla u kollha libsu warda ħamra fuq il-pavru.

Kienet okkażjoni storika li fiha tkellmu 15-il kelliem, ewlenin fosthom John F. Marks, il-Mexxej tal-Partit Savona, is-Segretarju Ġenerali Orlando, Ġino Muscat Azzopardi, Pawlu Boffa, Mikelanġ Borg, Ġużeppi Manduca, Ġanni Bencini, Edgar Gambin, Mikiel Caruana, Victor Cauchi, Ugo Sammut, Ċensu Farrugia u ċertu Mr Fossy. Kollha tkellmu dwar ix-xogħol imwettaq mill-Partit fl-ewwel ħames snin tiegħu u l-ħafna ħidma li kien għad jonqos issir. Wara sar riċeviment ferrieħi u daqq minn mużiċisti.

Għal tmien snin konsekuttivi, bejn l-1926 u l-1933, Marks kiteb artikli dwar Jum il-Ħaddiem u kif kien il-Partit tal-Ħaddiema li introduċa t-tagħlim tal-enċiklika tal-Papa Ljun XXIII, ir-Rerum Novarum. Marks kien jikteb ukoll ħafna mir-rapporti tal-attivitajiet f'ġieħ Jum il-Ħaddiem għall-ġurnali Laburisti. Fl-1929, il-Partit Laburista beda jiċċelebrah fuq livell nazzjonali, u l-Gvern Laburista ta' Mintoff fl-1956 għamlu Festa Pubblika, sentejn wara l-mewt bikrija ta' Marks.

### IPPERSEGWITAT

Mintoff kiteb li "J.F.Marks iċċelebra għall-ewwel darba f'Malta l-Ewwel ta' Mejju fil-miftuħ u kienet l-ewwel manifestazzjoni li biha l-klassi tal-ħaddiema ngħatat forma ta' għarfien. Johnny malajr ħa l-fama tar-ribell intellettwali xellugi tal-Każin Laburista tal-Isla u għalkemm ma qatgħulux rasu barra, sab ma' wiċċu t-tkasbir u l-attakki mill-Kanonċi ewlenin tal-Isla."

Imbagħad, fl-eqqel tal-għlieda politiko-reliġjuża tas-Snin Tletin, saħansitra l-Arċipriet tal-Isla kien jirrifjuta li jbierek id-dar tal-familja Marks fi żmien l-Għid il-Kbir. Camilleri jgħid li, "il-bigotiżmu u l-fanatiżmu għamel tiegħu sew u kien bl-għajnuna ta' familja Nazzjonalista stess li darba salvawh minn assalt selvaġġ u brutali." Wara dan l-inċident, Marks iddeċieda li jħalli l-Isla għal dejjem. F'Novembru 1933, huwa kera dar f'Raħal Ġdid u ħa l-familja tiegħu hemm.

### FAVUR L-ILSIEN MALTI

John F. Marks, magħruf ukoll bħala s-Sur Johnny, kien wieħed mill-pijunieri tal-bidu fil-għlieda għall-ilsien Malti minkejja li missieru kien Pollakk u jgħid li hu Ingliż. Marks u Mosè Gatt ħadmu flimkien ukoll fuq l-abbozz dwar kif l-ilsien Malti jista' jkun l-istrument tat-tħaddim tal-qrati.

Fil-5 ta' Marzu, 1929, l-Eżekuttiv tal-Partit Laburista ħatar kummissjoni ta' tlieta biex jaħdmu fuq dan l-abbozz. Ma' Gatt u Marks kien hemm Ġużè Attard Bezzina.

Il-Mexxej tal-Partit Pawlu Boffa ressaq għall-ewwel qari fil-Parlament dan l-abbozz biex il-Proċeduri tal-Qrati jkunu jistgħu jsiru bl-ilsien Malti. Wara dibattiti twal, sħan u mqanqla sew, il-Liġi għaddiet fis-6 ta' Mejju 1929 bi 17-il vot favur u 9 kontra u daħlet fis-seħħ fl-4 ta' Novembru 1929.

Nhar is-6 ta' Settembru, 1930, Marks waqqaf il-Kamra tal-Qari tal-Malti fil-Każin tal-Isla u żejjinha b'ritratti ewlenin ta' awturi Maltin. Minbarra n-numru kbir ta' kitbiet tiegħu li dehru fil-ġurnali xellugin l-aktar Il Cotra, Marks ippubblika l-kotba "Tejbilhom Ħajjithom" (1937) u l-parodija "Il Lingwa Nostra" (1932). Fl-1937, sar membru tal-Għaqda Awturi Maltin.

### BAĦRI TAL-MALTEMP

Is-Snin Tletin kienu snin ibsin ħafna għall-Partit Laburista. Imdaħħal bla bżonn fil-Kwistjoni Politiko-Reliġjuża tal-1928-1932 minħabba l-appoġġ tiegħu lil Strickland u l-Partit Kostituzzjonali, permezz tal-"Compact", il-Partit Laburista ħallas prezz għoli għax tilef ħafna voti riżultat tal-kwistjoni mal-Knisja.





Impressjoni artistika ta' Joe Micallef tal-Ewwel ċelebrazzjoni ta' Jum il-Ħaddiem fis-sena 1926

Hekk, fl-elezzjoni ta' Ġunju 1932, il-Partit Laburista ġarrab telfa kbira. Il-Partit Laburista kien tella' biss siġġu wieħed, dak tat-Tabib Boffa, u kien f'riskju li jispiċċa mix-xena politika. Kien grazzi għat-tmexxija tat-Tabib Pawlu Boffa u nies bħal John F. Marks li, meta faqqgħet it-Tieni Gwerra Dinjija, il-Partit Laburista kien għadu ħaj.

Mintoff kiteb li "Johnny baqa' wieħed mit-trijumvirat – Ċensu Bugeja, J.F. Marks u Mosè Gatt – u li fuqhom it-Tabib Pawlu Boffa kien iserraħ u jieħu l-pariri fl-irwol tiegħu ta' mexxej tal-Partit.

Il-Partit fil-Parlament kienu naqsulu d-deputati imma b'danakollu xorta waħda kellu leħen influwenti... Boffa kien jagħrafhom bħala persuni ta' esperjenza u ferm aktar struwiti minnu fil-politika.

"Boffa kien l-oratur b'kariżma u kompassjoni li bi kliemu jiġbed lin-nies; it-trijumvirat kien il-moħħ kollettiv tal-moviment Laburista."

### LEALI LEJN BOFFA

Fil-25 ta' Settembru, 1949, wara diżwgid li nqala' bejn il-Mexxej Pawlu Boffa u d-Deputat Mexxej Duminku Mintoff, iltaqgħet il-Konferenza Ġenerali tal-Partit Laburista.

Il-politika ta' Boffa bdiet tidher dgħajfa f'għajnejn ħafna Laburisti. Fid-9 ta' Ottubru, ġie deċiż li Boffa kellu jirriżenja kemm minn Mexxej tal-Partit Laburista kif ukoll minn Prim Ministru ta' Malta.

Mitejn erbgħa u erbgħin ta' dawk preżenti vvotaw favur din id-deċiżjoni, filwaqt li 141 ivvotaw kontra. Marks u Gatt kienu żammew ma' Boffa u vvotaw kontra. Mintoff xorta baqa' jqis lil Marks bħala ħabib kbir tiegħu sal-aħħar kif tixhed l-awtobijografija tiegħu.

Il-poeżija allegorika "Is-Siġra ta' Mejju," iffirmata minn "L", dehret f'Il-Kotra fil-5 ta' Mejju 1932. Fiha, Marks ifaħħar lill-politiċi Laburisti ta' dak iż-żmien, ewlieni fosthom Boffa, li jiddeskrivih bħala "L-isbaħ warda". Il-poeżija tikkonferma kemm Marks kien jammira lit-Tabib Boffa għax kien jarah bħala "l-mexxej ta' bla biża' u bla heda, / li kien warda tassew jimla qoffa. / Għax mal-għerf dan imżejjen bir-rieda".

### ATTIVIST TA' WARA L-KWINTI

Dan il-"ħassieb, kittieb u attivist ta' wara l-kwinti", kif isejjaħlu Francis Galea fil-ktieb tiegħu "Mexxejja, Ħassieba u Deputati Laburisti" (2000), qajl qajl warrab mix-xena politika wara l-isplit tal-Partit Laburista. Huwa kellu "karattru li qatt ma fittex il-fama anzi ħadem b'mod kważi anonimu, minkejja li ħafna kienu jqisuh bħala l-id il-leminija tat-Tabib Boffa."

John F. Marks miet f'daru, f'Tas-Sliema, nhar l-14 ta' Settembru, 1954, fl-età ta' 60 sena. Sa minn ċkunitu huwa kien marradi. Kien miżżewweġ lil Emanuela mwielda Said u kellhom erbat itfal, fosthom Ethel, omm il-Professur Arnold Cassola. Sentejn ilu, l-iben iż-żgħir ta' Marks, il-Maġġur Robert Henry Marks, kiteb ittra qasira f'ġurnal lokali biex iċanfar lil dawk li nsew li kien missieru l-ewwel wieħed li beda jiċċelebra Jum il-Ħaddiem f'Malta, u ppropona li l-Ewwel ta' Mejju jkun ukoll "J.F.Marks Day" f'ġieħ missieru. (The Times of Malta, 20 ta' April, 2017)





L-edizzjoni tal-1987 ta' "Tejbilhom Ħajjithom" li Marks kitbu 50 sena qabel. Id-disinn tal-qoxra huwa ta' Trevor Zahra.